MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 191/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Duncan Mizzi**

**Illum 27 ta' Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 t'Ottubru, 2010 ghall-habta ta' 00.20 hrs bhala persuna responsabbli mill-gestjoni tal-hanut bl-isem ta' Big Mama, li jinsab fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar :

1. daqq u/jew ippermetta li tindaqq muzika tghajjat bl-uzu ta' loud speakers u/jew amplifikata jew b'kull mezz iehor fil-kors jew bhala parti minn attivita` kummercjali wara 00.00 hrs;
2. naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ppermetta jew halla lil min ipejjep f'post pubbliku jew esost ghall-pubbliku gewwa post fejn jigi ofrut ikel u/jew xorb.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Marzu, 2012, li biha, lliberatu mill-ewwel u t-tieni akkuzi stante li mhux sufficjentement ippruvati u peress li ammetta t-tielet akkuza kkundannatu multa ta' €150.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-17 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza u tiddikjaraha bhala nulla u wara tghaddi biex issib sejbien ta' htija fit-tielet imputazzjoni u tilliberah mill-bqija u tinfliggi piena skond il-ligi jew tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lil Duncan Mizzi mill-ewwel zewg imputazzjonijiet u sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u tikkancellaha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma kkwotatx l-artikoli tal-ligi fuq x'hiex sabet htija u ma setghatx tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' multa ta' inqas minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan ai termini tal-artikolu 18(2) tal-Kap. 315 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi nhar it-13 ta' Ottubru 2010 ghall-habta ta' 00:05 hours il-Pulizija tal-ghassa tal-Qawra irceviet rapport anonimu illi gewwa l-hanut bl-isem ta' Big Mama fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar kienet tinstema muzika qawwija filwaqt li l-bibien ta' dan il-hanut kienu

maghluqin.  Meta l-Pulizija waslet fuq il-post filfatt sabet li vera kienet qed tinstema muzika qawwija, kif ukoll li x-“shutter” ta’ dan il-hanut kien maghluq.  Wara li l-Pulizija habtet fuq ix-“shutter” ghal diversi drabi, hareg is-sid, rega` dahal u semghuh jghajjat il-kliem li kien hemm il-Pulizija.  Dak il-hin waqfet il-muzika u gie ordnat lis-sid tal-hanut sabiex jiftah ix-“shutter” sabiex jidhlu l-Pulizija. X’hin dahlu l-Pulizija innotaw li kien hemm foga kbira tas-sigaretti, riha qawwija ta’ tabakk kif ukoll diversi loqom tas-sigaretti fl-“ash trays” u plattini li kienu qeghdin fuq il-“bar counter” u anki mal-art u fit-“toilets”.

L-appellat Duncan Mizzi bhala l-persuna responsabbli mill-hanut tressaq il-Qorti u fuq ammissjoni tieghu fid-29 ta’ Marzu 2012 il-Qorti tal-Magistrati kkundannatu multa ta’ mija u hamsin Ewro (€150).

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza l-ghaliex l-Ewwel Qorti ma kkwotatx l-artikolu tal-ligi u t-tieni l-ghaliex il-multa kienet ferm anqas il-minimu li suppost kellha tinghata f’dawn ic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat :

Minn ezami akkurat tas-sentenza ufficjali mahruga mid-Deputat Registratur jidher illi huwa minnu illi l-Qorti tal-Magistrati ma kkwotatx l-artikolu tal-ligi fuq x’hix sabet htija tal-appellat, ghad illi ddikjarat illi “rat il-prov. tal-ligi.”

Dana mhuwiex bizzejjed biex jissodisfa l-provvedimenti tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jghid car u tond fost affarijiet ohra li l-Qorti ghandha ........ “issemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”

Huwa evidenti illi l-artikolu tal-ligi ma giex kwotat f’dan il-kaz u dana jwassal ghal nuqqas ta’ formalita` sostanzjali li ggib il-konsegwenza tan-nullita` tas-sentenza.

Fil-fatt il-kawza “Il-Pulizija vs Mario Agius” deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Frar, 1995 qalet *“in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali*

*jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali, u f'kaz li l-Qorti tal-Appell Kriminali b'applikazzjoni tal-Artikolu 428(3) tal-Kap. 9 thassar is-sentenza appellata u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-mertu ......"*

Da huwa proprju dak li se taghmel din il-Qorti.

Ikkunsidrat :

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu ma hemmx hafna x'jinghad peress illi l-appellat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, pero` huwa minnu illi t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Generali jisthoq illi jkun milhuq.

L-artikolu 18(2) tal-Kap. 315 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola sitwazzjoni bhal din jghid illi *"kull min jinstab hati ta' reat kontra dan il-att jew kontra regolamenti maghmulin taht dan il-att, jista` minghajr pregudizzju ghal kull responsabbilita` li jkollu taht ligi ohra jehel, meta jinstab hati ghall-ewwel darba multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba` u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elf, mija u erba` u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) ......."*

Ghalhekk huwa ovvju illi l-piena kontemplata mill-Ewwel Qorti dik ta' mija u hamsin Ewro (€150) mhijiex sufficjenti u ma tidholx fil-parametri tal-ligi.

Ghalhekk tilqa` l-appell tal-Avukat Generali u filwaqt illi tiddikjara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-29 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet il-Pulizija vs Duncan Mizzi bhala nulla u minghajr effett u wara li qieset l-ammissjoni tal-appellat u l-istess rikors tal-appell tal-Avukat Generali, wara li rat l-artikolu 18(2) tal-Kap. 315 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-appellat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni izda ssibu hati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ghall-multa ta' mitejn u hamsin Ewro (€250).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------